**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. IMHALLEF DR. EDWINA GRIMA LL.D.**

**Att ta' Akkuza Nru: 19/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Josè Manuel Domingo Benito**

**Illum 6 ta' Jannar, 2016,**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuza bin-numru 19 tas-sena 2014, migjub kontra l-imsemmi Josè Manuel Domingo Benito, detentur tal-passaport Spanjol bin-numru AAB751231 fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00am), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati mill-uffiċjali tad-dwana tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienu waqqfu persuna ta' nazzjonalita` Niġerjana li kienet għada kif waslet minn fuq titrija minn Valencia bin-numru FR7798 u dan minħabba suspetti li setgħet kienet qed iġorr id-droga. Allavolja droga materjali ma kinitx instabet fil-pussess ta' din il-persuna, minn analizi li sar mill-pulizija li marru l-ajruport tal-kontenut tat-telefon ċellulari ta' dan l-individwu suspettuz, irriżulta messaġġ b'istruzzjonijiet lil terza persuna sabiex

jalloġja ġewwa l-lukanda Tropicana f'Paceville u b'hekk trawwem is-suspett li seta kien hemm persuni oħra involuti f'intrapriża llecita.

Illi l-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga marru f'din il-lukanda fuq istruzzjonijiet tas-superjuri tagħhom fejn effettivament irriżulta li kien hemm persuna ta' nazzjonalita` Spanjola li kienet għada kif alloġjat hemmhekk. Filfatt meta l-pulizija marru fil-kamra numru 630 li kienet ġiet allokata lil din il-persuna Spanjola hemmhekk intab Jose Manuel Domingo Benito qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri u waqt tfittxija fil-kamra in kwistjoni instabet bagalja kontenenti żewġ kompartimenti issiġillati fejn ġo fihom instabu żewġ pakketti mdaqqsin b'sustanza bajdanija suspettata d-droga kokajina apparti traċċi tal-istess sustanza fuq skrivanija fl-istess kamra. Di piu` instab ukoll bott issusspettat li kien fieħ it-tabbakk imħallat bil-pjanta tal-kannabis. Kemm il-kokajina kif ukoll il-pjanta tal-kannabis huma drogi perikoluzi, illeċiti u pprojbiti f'pajjizna u skond il-liġijiet tagħna.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-ġranet qabel din id-data, l-akkużat Jose Manuel Domingo Benito iddeċieda illi jibda jmexxi u jittraffika fid-droga kokajina. L-akkużat kien ftiehem ma' persuni oħra barra minn Malta li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jimportaha u jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jġorr fil-persuna tiegħu u jittraffika d-droga kokajina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat xjentement u kunsenswalment ġie Malta fuq titjira minn Valencia, Spanja dakinhar tat-2 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) biex jittraffika l-imsemmija droga lil persuni oħrajn ġewwa Malta li kienu ilkoll mifthemin f'din l-intrapriża. Fortunatament l-akkużat inqabad mill-pulizija dakinhar li wasal fiċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija. Hu kien anki ingħata struzzjonijiet sabiex jalloġja ġewwa lukanda Tropicana ġewwa Paceville fejn hemmhekk kellu jistenna struzzjonijiet addizzjonali bl-iskop li jittraffika din is-sustanża lil ħaddieħor. Effettivament il-persuna li kienet mifthema miegħu minn barra pajjizna kien qed jikkomunika mal-akkużat sabiex jassikura l-wasla tiegħu u tad-droga li kien qed iġorr mingħajr ma jinqabad mill-pulizija apparti li kien qed

iżommu nfurmat dwar il-persuna li kellha tiġbor id-droga li instabet fil-pussess tal-akkużat u li kienet intenzjonata ai fini tat-traffikar lil terzi persuni.

Illi fortunatament l-akkużat u d-droga ġiet interċetata fil-mument opportun u effettivament ftit tal-ħin qabel id-droga kokajina kellha tgħaddi fil-pussess ta' persuna oħra li kienet f'pajjizna għal skopijiet lleċiti. Filfatt minn analiżi u eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li s-sustanza li instabet fil-boroż importati mill-akkużat, kienu effettivament jikkonsistu mid-droga kokajina fl-ammont globali ta' elf u ħamsa u tmenin punt żewġ gammi (1085.2 gramma) u ċioe` ftit iktar minn kilo kokajina u li kellha l-purita` ta' ċirka sitta u tletin punt tmienja fil-mija (36.8%). Il-kokajina titqies bħala mediċina perikoluża li hija sustanza illegali skond il-Liġi tagħna, u s-sustanza li nstabet għandha l-valur kumplessiv ta' madwar sitta u tmenin elf tmien mija u erbgħa u għoxrin Euro (€86,824).

Illi b'għemilu l-imsemmi Jose Manuel Domingo Benito sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuna jew persuni oħra f'Malta jew ma' persuna jew persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Jose Manuel Domingo Benito ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikoluži, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluži (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533

tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-ġranet preċedenti għal din id-data, u ċioe` kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ minn Valencia f'Ispanja lejn Malta dakinar tat-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan meta kien jaf li kien qed jimporta ammont sostanzjali tad-droga kokajina wara li kien irċieva l-bagalja kontenenti din id-droga mill-persuna ma min kien ftiehem ai fini tat-traffikar tal-istess droga qabel ma' telaq minn Valencia. Dawn il-pakketti ssiġillati li nstabu fil-bagalja tal-akkużat kienu jikkontjenu l-ammont globali ta' elf u ħamsa u tmenin punt żewġ gammi (1085.2 gramma) u ċioe` ftit iktar minn kilo kokajina u li kellha l-purita' ta' ċirka sitta u tletin punt tmienja fil-mija (36.8%). Dan it-traġitt sar mill-akkużat xjentement sabiex din id-droga illegali tiġi mportata fi xtutna mingħajr ma' jiġi interċettat u sabiex ikun f'posizzjoni jittraffika din id-droga lil ħaddieħor hawn Malta. Effettivament li kieku l-uffiċjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni ma interċettawx fil-mument opportun lill-akkużat, din id-droga kienet tgħaddi f'idejn terzi persuni f'pajjiżna li faċilment setgħu jittraffikaw din id-droga perikoluża u illegali għal skopijiet ta' lukru. Effettivament l-akkużat kien irnexxielu jgħaddi mill-kontrolli tal-ajruport u kien biss bis-saħħa tal-intwizzjoni u l-esperjenza tal-iskwadra ta' kontra d-droga li din is-sustanza llegali instabet f'waqtha.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużat, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jose Manuel Domingo Benito sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini

Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Jose Manuel Domingo Benito, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi b'referenza għall-fatti kollha li rriżultaw fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkkuża u cioe` fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-ġranet precedent għal din id-data, irriżulta li apparti s-sustanza illegali kokajina fl-ammont ta' elf u ħamsa u tmenin punt żewġ gammi (1085.2 gramma) u ċioe` ftit iktar minn kilo, l-akkużat instab ukoll fil-pussess ta' bott suspettat li kien jikkonsisti f'taħlita' ta' tabbakk mal-pjanta tal-kannabis li hija meqjusa wkoll bħala sustanza illegali f'pajjiżna. Konsiderando li din is-sustanza instabet mill-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga fl-istess ċirkostanzi tad-droga kokajina irriżulta b'mod ċar li l-akkużat kien xjentement għamel vjaġġ minn Valencia lejn Malta fil-pussess ukoll tal-pjanta tal-kannabis u b'hekk kien importa din is-sustanza illegali fi xtutna u kontra l-liġi mingħajr ma ġie interċettat mill-uffiċjali tad-dwana fl-ajruport internazzjonali ta' Malta. Filfatt meta l-kontenut ta' dan il-bott ġie analizzat, ġie kkonfermat li kien

hemm punt tlieta u tletin gramma (0.33 grammi) tas-sustanza THC li hija l-kimika li tinstab fil-pjanti tal-kannabis u dan fil-purita ta' għaxra punt tnejn fil-mija (10.2%).

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi favur l-akkużat Cefai, li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jose Manuel Domingo Benito sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (pjanta tal-cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Jose Manuel Domingo Benito, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (pjanta tal-cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kapippremetta:

Illi dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kapi kollha precedent ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-ġranet precedent għal din id-data, minħabba l-fatt li l-akkużat

xjentement kien qed iġorr il-pakketti ssiġillati kontenenti id-droga illegali kokajina u xjentement kien jaf li dawn kienu intiżi għal persuna jew persuni oħra, u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li instabet ġo fiha irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li filfatt kienet id-droga kokajina u cioe′ mediċina perikoluża u illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, anki meta′ wieħed iqis il-*modus operandi* tat-trasport ta′ din is-sustanza, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta′ sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużat m′għandux problema ta′ abbuż tad-droga kokajina u kif stqarr hu stess din is-sustanza perikoluża ma′ kinitx intiża għall-użu personali tiegħu iżda kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata. In oltre l-ammont kumplessiv tad-droga li instabet fil-kapsuli kienet waħda konsiderevoli u ċioe` ta′ elf u ħamsa u tmenin punt żewġ gammi (1085.2 gramma) u ċioe ftit iktar minn kilo kokajina u li kellha l-purita′ ta′ ċirka sitta u tletin punt tmienja fil-mija (36.8%)li ċertament ma′ tindikax skop għall-użu personali.

Anki f′dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta′ awtoriżazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi d-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta′ l-Ewwel Skeda li tinsab ma′ l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi b′għemilu l-imsemmi Jose Manuel Domingo Benito sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta′ ma′ kienx fil-pussess ta′ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta′ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort′ oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b′xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma′ kienx awtorizzat bir-Regoli ta′ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b′xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma′ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b′dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma′ kienx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Jose Maneul Domingo Benito ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fil-Hames Kap ippremetta:

Finalment u b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fil-kapi kollha precedent ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe` fit-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-ġranet precedent għal din id-data u partikolarment l-ewwel u t-tielet kap ta' din l-Att tal-akkuża, l-akkużat instab fil-pussess tal-pjanta tal-kannabis li hija meqjusa bħala droga illegali u perikoluża skond il-liġijiet ta' pajjiżna. Filfatt mill-analiżi li saru rriżulta li instab l-ammont ta' punt tlieta u tletin gramma (0.33 grammi) tas-sustanza THC li hija l-kimika li tinstab fil-pjanti tal-kannabis u dan fil-purita ta' għaxra punt tnejn fil-mija (10.2%). Skond l-akkużat stess hu kien

importa din is-sustanza u filfatt ikkonferma li jagħmel użu tal-pjanta tal-kannabis regolarment. Effettivament fiċ-ċirkostanza li fiha instabet din is-sustanza illeċita jidher li l-akkużat kellu l-intenzjoni jagħmel użu personali ta din is-sustanza ipprojbita fi xtutna.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkużat Jose Manuel Domingo Benito sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi akkużat Joe Manuel Domingo Benito, ħati talli kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn għaxar snin (10) priġunerija u mhux inqas minn tnax-il xahar u multa ta' mhux anqas minn erba' mija sitta u sittin Euro (€466) iżda mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u tlett mitt Euro (€23,300), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(d), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(ii) u 26 tal-kapitolu 101, u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u l-akkuzat Josè Manuel Domingo Bentio, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Jannar, 2016 fejn l-esponenti, filwaqt li ddikjaraw li qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din il-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammisssjoni da parti tal-akkuzat Josè Manuel Domingo Benito ghall-akkuzi migjuba kontrih skond l-Att ta' Akkuza fl-ismijiet premessi, il-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkuzat Josè Manuel Domingo Benito minn din l-istess Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' ghaxar snin flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijet u/jew konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluza, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici

Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat Josè Manuel Domingo Benito, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reat kif dedotti kontrih.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Issib lil akkuzat Josè Manuel Domingo Benito, hati talli:

1. Assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;
2. Importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

3. Importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (pjanta tal-cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe` meta ma kellhux liċenżja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtoriżża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett;
4. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx

b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

5. Kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha (minbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha);

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni, senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Josè Manuel Domingo Benito għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli:

8(d), 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali

Tikkundanna lil Josè Manuel Domingo Benito ghal piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' ghaxar snin (10) flimkien ma multa ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000).

Tordna illi hekk il-multa ma titħallasx puntwalment, tiġi kkonvertita f' sena priġunerija ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tikkundanna lil ħati ihallas is-somma ta' Tlett elef, hames mija u wiehed u tletin ewro u hamsa u erbghin centezmu, (€ 3,531.45) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assitent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

Edwina Grima
Imhallef